MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 130/2014

Appell Nru: 130/2014

Il-Pulizja

Vs

Costantino Borg

Illum 15 ta' Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Costantino Borg, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 410469M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda fis-26 ta' Ottubru, 2013 u fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer;

1. Hebb kontra l-persuna ta' martu Josette Borg sabiex jingurjha, idejjaqha jew sabiex jghamel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor.
2. Ingurja u/jew hedded lil martu Josette Borg u uliedu Jurgen u Clint Borg jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.
3. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Josette Borg u uliedu Jurgen u Clint Borg biza' li ser tintuza vjolenza kontrhom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien je bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u dan ghas-sigurta' ta' Josette Borg, Jurgen Borg u Clint Borg.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-24 ta' Marzu, 2014, fejn wara li rat l-artikoli 339(1)(d), 339 (1)(e), 251B(1), 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Iddikjarat l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet preskritti;
Sabet lill-imputat hati skond l-akkuza nru 3 dedotta kontra tieghu u ikkunannatu piena ta' tlett (3) xhur prigunerija;

Ordnat il-hrug ta' ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat Costantine Borg u tipprojbixxi jew tirrestringi l-akkuzat milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Josette Borg ghal perjodu ta' tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Costantino Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2014, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-esponenti hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u thassar u tirrevoka l-bqija tas-sentneza appellata fejn sabitu hati tat-tielet akkuza u kkundannatu tlett xhur prigunerija u applikat l-artikolu 412C ghal-tlett snin billi tilliberah minn kull htija u imputazzjoni ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok in-nullita tal-proceduri kollha u dan minhabba l-fatt li kemm l-isem tal-imputat igifieri Costantino Borg li ghandu jinqara Constantine Borg huwa hazin kif ukoll in-numru tal-karta tal-identita' li jinqara 410569M u li

ghandu jinqara 0408667M illi huwa kompletament differenti kif ukoll il-post tat-twelid li fl-akkuza jinqara 090106/10/19679 li huwa hazin u ghalhekk l-konnotazjonijiet huma kollha differenti sahansitra jirreferu ghal persuni differenti u ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

2. Illi fit-tieni lok hemm konflitt fil-provi kemm kif hemm fl-affidavit tal-pulizija WPS 50 meta fl-affidavit qalet li fit-18 ta' Ottubru, 2013 cemplet certu Colette Borg fejn infurmat lill-pulizija li mart l-esponenti kienet qieghda tigi msawta mir-ragel taghha. Meta l-pulizija marru fuq il-post fejn tkellmu ma Josette Borg u infurmathom li fid-disgha ta' Ottubru, 2013 giet aggredita mir-ragel taghha u l-biza taghha kien fit-18 ta' Ottubru, 2013 ghax kienet qieghda tibza li ser tibda' l-proceduri ta' separazzjoni u r-ragel kien ser jircievi l-kart mill-Qorti. Illi hawn hemm konflitt ta' provi ghax l-allegat reat fejn allegatament bezghet mir-ragel kien fit-tmienja ta' Ottubru, 2013 u mhux fid-9 ta' Ottubru, 2013. Ukoll jirrizulta illi r-rapport sar fit-tmintax ta' Ottubru, 2013 jigifieri ghaxart ijiem wara. Dan il-konflitt ta' data juri bic-car illi l-mara Josette Borg taghmel manipulazzjoni tan-nies u tal-fatt. Il-pulizija meta marru fuq rapport ta' swat fit-18 ta' Ottubru, 2013 ma sabu ebda evidenza ta' swat jew aggressjoni kontra Josette Borg. Qaltilhom li kienet qieghda tibza mir-ragel ghax kien ser jircievi l-karta tas-separazzjoni. Din kienet biss assunzjoni ghax jirrizulta li kien qieghed ikollhom problem u ghalhekk zgur li kien hemm problemi fil-hajja mizzewga taghhom u ghalhekk ir-ragel kien qieghed jistenna hu dawn il-karti tas-separazzjoni. Meta ndunat li l-pulizija gew ghal xejn ivvintat storja ohra meta fit-tmienja ta' Ottubru, 2013 u mhux fid-disgha ta' Ottubru, allegatament sfat aggredita mir-ragel. Anki din l-istorja hija manipulazzjoni, Ma ngabet ebda prova ta' xi grifa fuq idha ix-xellugija u ta' xi nefha. Ma gabet ebda certifikat sabiex tissodisfa l-argument taghha. Anki t-tfal ma telghux jixhdu sabiex jinfurzaw dak li gie allegat. Anki kien l-esponenti li spicca l-vittma billi bl-aggressjoni taghha gidmithu fuq subajh xi haga li ammettiet li ghamlet hekk. Lanqas ma ngabet il-prova ta' Colett tal-Appogg li allegatament ghamlet it-telefonata. L-allegat biz ainvintata Josette Borg meta l-anqas l-esponenti ma kien jaf li nbdew proceduri ta' separazzjoni u ghalhekk ivvintat xi biza li jista' jkollu r-ragel.

3. Illi fit-tieni lok minn imkien ma jirrizulta illi l-esponenti wera xi vjolenza jew bl-imgieba tieghu wera li sera juza vjolenza kontra taghha. Ta' min isemmi illi l-esponenti ghandu l-ewwel kaz quddiem il-Qorti u qatt ma kellu pendenzi il-Qorti u b'hekk wiehed jista' jara l-genwinita' tal-esponenti u l-makakkerija tal-mara tieghu li trid issallbu.

4. Illi minkejja li l-esonenti ghamel rapport lil pulizija minhabba l-aggressjoni tal-mara l-pulizija ghazlu li ma jipprocedux kotnra l-mara u ghalzu li jiffafurixu lill-mara u ma tawx kaz l-ilment tal-esponenti. Hawn jidher bic-car il-bias li l-pulizija wriet fil-konfront tal-esponenti u l-gusitzzja trid mhux issir mma tidher li qeghdha ssir.

5. Illi l-fatt li sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel u tat tieni akkuzi b'hekk giet estinta it-tielet akkuza u ma kien hemm ebda provi sabiex jigi sostnut it-tielet akkuza billi l-imgieba tal-esponenti giet skartata ghax hija preskritta.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa mizzewweg lil Josette Borg u tul tmintax-il (18) sena ta' zwieg din tal-ahhar sofriet minn diversi cirkostanzi ta' abbuz fiziku kif ukoll finanzjarju u emozzjonali (ara rapport tad-Domistic Violence Unit, fol 5). Fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant mar id-dar fejn toqghod il-mara tieghu u t-tfal u hemmhekk qabbad lit-tifel Jurgen sabiex imur igiblu xi kalzetti. Dan tal-ahhar irrifjuta u b'hekk qam argument verbali bejn l-appellant u martu. Fil-kors ta' dan l-argument l-appellant beda jghajjar lil martu mahmuga bhal ommha waqt li hi irrispondietu bl-istess ton. Ghalhekk il-pulizija ipprocedew kontra l-appellant bl-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellant gie liberat mill-ewwel zewg akkuzi peress illi kienu preskritti izda gie misjub hati tat-tielet akkuza u ikkundannat tlett (3) xhur prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. L-ewwel aggravju jikkonsisti mill-fatt illi l-konnotazzjonijiet indikati fic-citazzjoni hemm xi zbalji u t-tieni illi hemm konflitt fil-provi u d-dati meta sar l-incident kif ukoll meta sar ir-rapport lill-pulizija.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel aggravju l-Qorti tinnota illi din l-osservazzjoni maghmula mill-appellant saret l-ewwel darba quddiem din il-Qorti. Ma saret l-ebda riferenza ghal xi zball fic-citazzjoni meta l-appellant deher quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) fejn hemmhekk l-appellant, debitament assistit, sema' l-provi tal-Prosekuzzjoni u meta ghalqet il-provi taghha iddikjara li ma kellux aktar provi. Ma tqajmet l-ebda eccezzjoni dwar in-nullità tac-citazzjoni minhabba zbalji fil-konnotati. Ghalhekk l-appellant bil-prezenza tieghu accetta l-gurisdizzjoni tal-Qorti u qaghad ghas-sentenza taghha li nghatat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014). Kien biss fi stadju tal-appell illi l-appellant qajjem din l-osservazzjoni. Din il-Qorti tirrileva illi la darba l-appellant ma qal xejn quddiem l-ewwel Qorti u issottometta ruhu ghal gudizzju tal-Qorti minghajr reklam, kwindi ma jistax issa fi stadju tal-appell jeccepixxi n-nullità ghax il-konnotati huma hziena. Bil-prezenza tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellant accetta l-gurisdizzjoni tal-Qorti bil-konnotati kif inhuma. Wara kollox l-appellant kien jaf sewwa ghal xhiex kienu qed jirreferu dawn l-akkuzi

peress illi deher debitament assistit u l-kawza giet trattata ukoll. Kwindi la qaghad ghall-gudizzju quddiem l-ewwel Qorti ghandu joqghod ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell. Ghalhekk il-Qorti qieghda tichad l-ewwel aggravju.

Rigward it-tieni aggravju, dak ta' konflitt fil-provi, l-appellant argumenta illi dan sar minhabba l-fatt illi meta l-pulizija marru fuq ir-rapport ta' swat fit-tmintax (18) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) ma sabu ebda evidenza ta' swat jew aggressjoni kontra Josephine Borg; qaltilhom biss illi kienet qed tibza' mir-ragel taghha ghax kien se jircievi l-karti tas-separazzjoni u jaghmillha xenata. Di più hemm konflitt bejn dak illi qalet Josephine Borg u dak illi jidher fl-affidavit ta' WPS 50 li qieghed esebit fil-process.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma tara l-ebda konflitt fil-provi minn dawk prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Evidentement il-Magistrat sema' x-xhieda, evalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u wasal ghall-konkluzjoni dwar lil min irid jemmen fhiex ser jemmnu jew ma jemmnux. Il-Magistrat m'ghandux ikun disturbat f'din id-diskrezzjoni la darba huwa jagixxi skont il-ligi u jaghmel l-evalwazzjoni necessarji sabiex jasal ghall-konkluzjoni lil min ghandu jemmen jew ma jemminx. F'dan il-kaz huwa evidenti illi l-Magistrat emmen lil Josephine Borg u x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet liberalment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-decizjoni tigi disturbata. Però permezz tal-verbal tal-erbgha (4) ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014) il-partijiet infurmaw lill-Qorti illi irrikonciljaw ruhhom u l-parti leza marret toqghod lura mal-appellant u talbu illi flok prigunerija effettiva d-decizjoni tal-ewwel Qorti tigi konfermata però l-prigunerija tigi sospiza ghal terminu.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ghandha r-rizervi taghha kemm din ir-rikonciljazzjoni tista' tirnexxi. Evidentement l-appellant huwa persuna b'problema ta' anger management fejn allura jirrikorri ghall-vjolenza jekk ikun il-kaz sabiex juri r-rabja tieghu u jissoggetta lil martu u lil uliedu taht il-kontroll assolut tieghu. Però tajjeb jew hazin il-parti leza Josephine Borg ghamlet l-ghazla taghha u iddecidiet li tmur lura ghand l-appellant. Ovvjament f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti mhiex aversa ghat-talba tal-partijiet ghall-modifika fil-piena u tispera illi din il-kawza isservi ta' twissija ghall-appellant sabiex ma jergax jimmanifesta tendenzi ta' vjolenza kontra martu u wliedu peress illi darba ohra mhuwiex se jsib spalla mill-Qorti fuq xhiex jistrieh.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tikkonferma s-sentenza ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija, izda tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok tlett xhur prigunerija effettiva tordna, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, li dan it-temrinu ta' tlett xhur jkun sospiz ghal zmien sentejn mil-lum. Peress illi l-partijiet qeghdin jghixu flimkien mhux il-kaz li jibqa' in vigore l-ordni ta' protezzjoni u ghalhekk il-Qorti tirrevoka din l-ordni mahruga mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------